**Fontana Local Council**

Minuti tat-tlieta u tletin (33) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Tnejn 31 ta' Mejju 2010 fil-5.30pm.

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi Sindku: | Is-Sur Anthony Borg |
| Kunsilliera: | Is-Sur Victor Cefai<br>Is-Sur Horace Micallef<br>Is-Sur Lorry Apap |
| Segretarju Eżekuttiv: | Is-Sur Karl Vella |

**1. TALBA**

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv beda l-laqgħa permess ta' talba.

**2. QARI, KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Numru 32 li saret nhar il-Ħamis 29 ta' April 2010 mis-Segretarju Eżekuttiv. Dawn ġew approvati mill-membri tal-Kunsill u ġew iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u mis-Sindku.

**PUNTI LI ĦARĠU MILL-MINUTI**

a. ***Attivita' Sportiva ġewwa l-Bajja tax-Xlendi***: Hekk kif maqbul f'laqgħa preċedenti, is-Segretarju Eżekuttiv bgħat ittra lil Kunsilli Lokali tar-Rabat, Kerċem, Sannat u Munxar fejn stiedenhom jieħdu sehem f'din l-attivita. Il-Kunsill Lokali Munxar aċċetta filwaqt li dak tar-Rabat wera nteress u xtaq aktar dettalji. Il-Viċi Sindku ppropona li tiġi organizzata laqgħa mal-Kunsill Lokali tal-Munxar sabiex naraw kif l-aħjar li nistgħu nużaw il-fondi. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb jikkuntatja lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Munxar. Wara li ssir il-laqgħa għandna nikkuntatjaw lill-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex għaliex huma wrew interess li jipparteċipaw f'din l-attivita'.

b. ***Xogħolijiet fit-Triq tax-Xlendi***: Il-Viċi Sindku, bħala Kap tas-Segretarjat tal-Ministru għal Għawdex, ta' spjega dwar kif għandhom isiru x-xogħolijiet. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex, is-Sur Joseph Portelli, sabiex jiġu salvati kanali ta' l-ilma magħmulin mil-ġebel biex jintużaw għat-tisqija, li huma wirt storiku, tul medda twila mal-ħajt tat-triq li jibdew madwar mitt pied l-isfel mill-eks biċċerija biex meta titlesta t-triq dawn jerġgħu jitqiegħdu f'posthom. Il-membri tal-Kunsill qablu. Il-Kunsillier Horace Micallef saqsa lill-Viċi Sindku

jekk waqt li tkun qed tinqala Pjazza l-Għejjun jistgħux isiru t-tiswijiet neċessarji sabiex l-ilma li ħiereġ mill-għejjun ma jintilifx. Il-Viċi Sindku qal li għalissa mhux ippjanat li jsir xogħol fi Pjazza l-Għejjun. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb li meta tinfetaħ Pjazza l-Għejjun biex isir il-*culvert* mill-kuntrattur li qiegħed jibni t-triq biex jilqa' l-ilma li jinżel minn Triq Wied Siekel l-Kunsill jieħu ħsieb li jsir dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel.

c. ***Notte Gozitana, Lejliet Lapsi***: Is-Sindku qal li kienu ġew avviċinati żewġ persuni, Cikku Cordina u Cikku Borg, li jagħmlu xogħol tan-nassi tal-qasab li ħadd minnhom ma setgħa jieħu sehem fl-*istand* tal-Kunsill fin-Notte Gozitana. Tal-Fontana Cottage Industry ma baqgħux interessati. Għaldaqstant, il-Kunsill ma kienx ħa sehem f'din l-attivita. Dan minkejja li diġa kienu ittieħdu diversi ritratti ta diversi nħawi tal-Fontana mis-Sur John Cordina. Il-membri tal-Kunsill kienu ġew ikkonsultati permezz ta' *email* mibgħuta mis-Segretarju Eżekuttiv.

d. ***Mandat li l-Kunsill kien għamel kontra s-Sur Lorry Attard u d-Dipartiment tal-Proġetti u Żviluppi***: Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li konna rċivejna *email* mingħand l-avukata tal-Kunsill, Dr. Angele Formosa, fejn għarfitna li m'aħniex obbligati nħallsu lill-avukat difensur, Dr. Alfred Grech, peress li skond id-digriet finali l-ispejjeż baqgħu bla taxxa bejn il-partijiet u allura kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha. Is-Sindku kompla billi qal li s-Segretarju Eżekuttiv kien talab lid-Direttur tal-Proġetti u Żviluppi, is-Sur Joseph Portelli, sabiex jikkonferma bil-miktub dak li kien ntlaħaq ftiehem dwaru fl-laqgħa li saret fl-uffiċċju tas-Sur Portelli qabel ma ġie deċiż l-mandat, pero' il-Kunsill kien għadu ma rċieva xejn. Minkejja li d-diegriet tal-Qorti ngħata fi Frar s'issa ma tkompla l-ebda xogħol fuq il-Belvedere. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kuntrattur kien għadu ma ġiex jagħmel permess il-Kunsill. Il-Kunsillier Lorry Apap ddikjara li għandu konflitt ta' interess u għaldaqstant ma ħax sehem fid-diskussjoni.

e. ***Laqgħa tas-Sindki u Viċi Sindki***: Il-laqgħa li suppost kellha ssir nhar l-14 u 15 ta' Mejju 2010 ġiet posposta għal Settembru 2010.

f. ***Spazzju fuq il-Website tal-Kunsill***: Is-Sindku ppropona li għandu jinxtara aktar *web space* sabiex inkunu nistgħu npoġġu l-Minuti fuq il-*website*. Il-membri tal-Kunsill qablu.

g. ***Absolete Electronic Equipment***: Is-Segretarju Eżekuttiv għadda kopja tar-rapport li pprepara s-Sur Silvio Saliba. Skond dan ir-rapport, il-Kunsill għandu diversi apparat elettroniċi qodma li huma bla valur. Għaldaqstant, il-membri tal-Kunsill qablu li dak l-apparat elettroniku li hu bla valur għandu jintrema fic-*Civic Amenity Site* tax-Xewkija.

h. ***Kuntratt tal-Patching bil-Hot Asphalt***: Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li l-kuntrattur ma kienx għamel ix-xogħol, dan minkejja li l-kuntratt bejn il-Kunsill u l-kuntrattur kien jiskadi llum. Huwa nforma lill-Kunsill li meta ċempel kemm il-darba lill-kuntrattur ġie nfurmat li min jieħu ħsieb li jsir il-*patching* kien indispost. Is-Sindku ppropona li nieħdu parir mid-Dipartiment sabiex naraw x'inhi l-proċedura li għandu jieħu l-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill qablu li jekk il-proċedura tippermetti, dan il-kuntratt jiġġedded.

i. ***Kera tal-Uffiċċju tal-Kunsill***: Is-Sindku qal li l-Kunsill qatt ma kien ġie infurmat mis-Segretarji Eżekuttivi li l-kuntratt skada, u ma kien hemm l-ebda

skop minn naħa tal-Kunsill li ma tinħareġx l-offerta. Peress li skada, is-Sindku ppropona li sakemm jinbena l-uffiċċju tal-kunsill, temporanjament għandna nużaw il-*MultiPurpose Room* bħala uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħat tal-Kunsill jinżammu fis-Sala tal-Komunita, peress li fil-*MultiPurpose Room* ma hemmx fejn. Il-membri tal-Kunsill qablu. Barra minhekk tiġi ffrankata l-kera tal-post ta €1,700 u l-*meters* tad-dawl u l-ilma, u b'hekk kemm jista' jkun jonqsu l-ispejjeż. Huwa fakkar li l-kera tal-ewwel fażi tac-Centru Civiku hija ta €1,400 u llum ġejna nfurmati li l-kera tad-devoluzzjoni tal-fond 191, fi Triq il-Għajn ser tkun ta €350 oħra fis-sena. Għaldaqstant, għandna ninfurmaw lil sid l-uffiċċju tal-Kunsilll, is-Sur George Sacco, li l-Kunsill ħa jitlaq mill-post fl-aħħar ta' Ġunju 2010. Il-Kunsillier Horace Micallef saqsa jekk jistax isir xi ħaġa ħalli t-tieqi li hemm fil-*MultiPurpose Room* tkun aktar sigura'. Is-Sindku qal li trid titwaħħal grada fissa. Il-Kunsillier Horace Micallef ippropona wkoll li jekk ikun possibli għandu jitwaħħal *shutter*.

j. **FONT 01/2010 - *Tender for the Supply, Installation, Testing and Commissioning of Photovoltaic System for Fontana Local Council***: Fis-6.15pm daħal fil-kamra l-Ing. Anthony Paul Saliba, rappreżentant tal-kumpanija Solar Engineering Co Ltd. Hu għadda żewġ *sketches* ta' kif għanda titwaħħal din is-sistema. Il-Kunsillier Lorry Apap saqsa lill-Ingineer jekk hux possibli li l-*istand* tittieħed fuq il-post u l-Kunsill jiddeċieda hemmhekk fejn hu l-aħjar post li din is-sistema titwaħħal. Il-membri tal-Kunsill qablu. L-Ingineer ħareġ mill-kamra fis-6.40pm.

k. ***Waste Bins:*** Is-Sindku qal li kif maqbul f'laqgħa preċedenti s-Sur Mario Mallia ġabilna ż-żewġ *bins* sabiex jitwaħħlu fi Triq il-Kardinal Alessandro Franchi. Il-Kunsillier Lorry Apap ippropona li nwaħħlu katnazz mal-*bins* ħalli dawn ma jerġgħux jinsterqu, u ngħaddu kopja taċ-ċavetta lill-kuntrattur li hu responsabbli li jbattalhom. Il-membri tal-Kunsill qablu.

l. ***Rapport Amminstrattiv 2008-09:*** Is-Sindku ppropona li jkellem lill-ex Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sinjorina Josephine Borg sabiex tara jekk hux possibli li jsir dan ir-rapport. Il-membri tal-Kunsill qablu.

m. ***Ħarġa f'Għawdex***: Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li l-ħarġa f'Għawdex ta' Mejju ma saritx minħabba l-fatt li l-Parroċċa organizzat żewġ ħarġiet. Hu ppropona li ssir il-Ġimgħa 25 ta' Ġunju 2010.

## 3. QARI TAL-MEMOS, LMENTI / SUĠĠERIMENTI U KORRISPONDENZA PRINĊIPALI

### 3.1 Memos

Memo 58/2010 – Mistoqsija Parlamentari Numru 14758
Memo 59/2010 – Ħinijiet ta' Xogħol u Ħinijiet tal-Uffiċċju fil-Kunsilli Lokali
Memo 60/2010 – Mistoqsija Parlamentari Numru 15060
Memo 61/2010 – Mistoqsija Parlamentari Numru 16049
Memo 62/2010 – Mistoqsija Parlamentari Numru 16844
Memo 63/2010 – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Korsijiet Lifelong Learning (Laqgħa Informattiva)

Memo 64/2010 – Mistoqsija Parlamentari Numru 17059
Memo 65/2010 – Invit/ Laqgħa ta' Konsultazzjoni dwar il-Politika Kulturali Nazzjonali
Memo 66/2010 – Linji direttivi dwar il-Kumitati Amministrattivi
Memo 67/2010 – Mistoqsija Parlamentari Numru 16137
Memo 68/2010 – Mistoqsija Parlamentari Numru 16142
Memo 69/2010 – Mistoqsija Parlamentari Numru 17275
Memo 70/2010 – Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr tal-Passiġġieri
Memo 71/2010 – Pubblikazzjoni ta' Popolazzjoni skont il-Lokalità
Memo 72/2010 – AL 311 tal-2010 - Regolamenti tal-2010 dwar l-Elezzjonijiet tal-Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet (Lista tal-Ispejjeż)

**3.2 Ilmenti / Suġġerimenti**

a. Is-Sinjura Grace Cardona li toqgħod f'64, Triq l-Isptar San Ġiljan, Fontana, bgħatitilna kopja ta' ittra li kitbet lil Transport Malta sabiex jittieħdu passi ħalli jitneħħa l-periklu li għanda biex toħroġ mir-residenza tagħha.
b. Is- Sindku spjega li peress li ser tingħalaq it-Triq tax-Xlendi, tal-*Fontana Cottage Industry* resqu lment u talbu sabiex il-*coaches* jipparkjaw fi Triq Għajn Tuta. Il-Kunsillier Horace Micallef qajjem il-punt li jekk il-Kunsill japprova din talba r-residenti ta' dik it-triq kien ser ikollhom problema ta' *parking*, għaldaqstant hu ma qabilx li jingħata permess lill-*coaches* biex jipparkjaw f'din it-triq. Wara diskussjoni, ġie maqbul li nibgħatu dan l-ilment lil Transport Malta.

**3.3 Korrispondeza Prinċipali**

a. L-MTA avzawna li qegħdin jagħmlu inventarju tal-prodotti turistiċi li jinsabu fil-lokalitajiet kollha.
b. Il-MEPA tawna permess biex niddownlowdjaw *DPA reports and permit conditions* b'xejn minn fuq il-*website* tagħhom.
c. Ġiet organizzata Wirja tal-Galleriji mill-MEPA fis-Sala tal-Komunita bejn l-10 u 16 ta' Mejju 2010. Is-Sur Terry Attard, ħaddiem taħt l-iskema tal-Komunita tal-ETC ħa ħsieb li tinfetaħ is-Sala.
d. *Email* mingħand is-Sur James Catania, Assistant Direttur mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, rigward iż-żewġ ħaddiema tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Id-Dipartiment issuggerixxa li l-Kunsilli Lokali jgħaddu l-ħaddiema tad-Dipartiment li għandhom magħhom biex dawn jingħaqdu fil-*pool* tal-ħaddiema tal-IPSL. Dan hu fuq bażi volontarja, pero hu assigura li dawk il-Kunsilli li jgħaddu l-ħaddiema tagħhom fil-*pool* jingħataw preċedenza fix-xogħol li jitolbu li jsir mill-ħaddiema tal-IPSL fuq dawk il-Kunsilli li ma jgħaddux il-ħaddiema fil-pool. Il-Kunsill għandu jagħti l-pożizzjoni tiegħu sal-31 ta' Mejju 2010. Is-Sindku qal li s-Sur Emanuel Debono fi ftit ġranet joħroġ bil-*leave* u *pre-retirement leave*, filwaqt li s-Sur Joe Mercieca jieħu ħsieb it-tindif tat-toroq. Is-Sindku qal li jekk is-Sur Joe Mercieca jingħadda taħt l-*pool* tal-IPSL, il-Kunsill jkun irid joħroġ l-offerta tat-tindif tat-toroq. Il-

Kunsillier Horace Micallef ippropona li niktbu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u nsaqsuhom meta din ser tkun obbligatorja ħalli l-Kunsill jilħaq jitlob aktar ħaddiema taħt l-iskema tal-Komunita tal-ETC. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jibgħat *email*.

e. Ġie iffirmat il-kuntratt mal-GreenMT. Is-Sindku spjega d-diversi vantaġġi li l-Kunsill ser igawdi permezz tal-iffirmar ta' dan il-kuntratt, fost l-oħrajn li ser tkun garantita darbtejn ġbir tal-iskart separat kull ġimgħa, borża griża b'xejn lir-residenti u €30 fil-ġimgħa lil Kunsill.

f. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kelna nagħmlu DNO sabiex l-applikazzjoni li ssottometta l-Kunsill taħt Memo 7/2010 (Skema dwar Aċċessibilita' Aħjar fil-Lokalitajiet) tkun ikkunsidrata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

g. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kelna nagħmlu *Sanctioning* għall-ewwel fażi taċ-Centru Civiku għar-raġuni li l-MEPA qed jgħidu li l-balavastri ġew 17cm għola mill-permess maħrug.

h. B'referenza għall-applikazzjoni tal-Kunsill għal xogħolijiet fuq l-Għajn tal-Loġoġ fi Pjazza l-Għejjun, Il-MEPA talbuna sabiex nibgħatulhom d-*drawings* amendati sat-3 ta' Ġunju 2010 sabiex ikunu jistgħu joħorġu l-permess.

i. Is-Sur Silvio Frendo ikkonferma li jekk ma jkunx hemm t-total kemm ta' *quotation* kif ukoll ta' tender, il-Kunsill irid jiddeċiedi hu jekk jaċċettahiex jew le. Għaldaqstant kif kien maqbul f'laqgħa preċedenti, il-Kunsill iddeċieda li jagħti l-offerta tar-Restawr tal-Għajn ta' Bendu lis-Sur Joseph Muscat.

j. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali nfurmana li s-Sur Emanuel Debono hu ntitolat għal 3 xhur *pre-retirement leave.*

k. Il-Kappillan talab l-permess tal-Kunsill sabiex iħaffer għaxar toqbiet ġodda fi Triq ta' Mulejja sabiex ikunu jistgħu jintramaw ġo fihom antarjoli għall-festa u għal xi okkazzjonijiet oħra matul is-sena. Il-membri tal-Kunsill qablu.

l. Il-MEUSAC infurmawna bil-*Pre Announcement to the Call fro Project Proposals under the ESF and ERDF*. Is-Sindku qal li attenda laqgħa tas-Sindki li saret apposta fuq dan is-suġġett. Is-Sindku nforma lil Kunsill li konna għamilna *Expression of Interest* sabiex il-*playing field* u l-belvedere jiġu mdawwla b'fanali *solar energy* li stima tagħhom hija ta' madwar €40,000 li saret minn Galea u Curmi Engineering. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din l-iskema hi ssussidjati mill-Ewropa permezz ta' 85% u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ser jagħti għajnuna ta' bejn 5% u 7%. Is-Sindku qal li NGOs u l-Knisja jistgħu japplikaw taħt din l-iskema. Is-Sindku kellem lil Kappillan u hu qalli li ser jagħtih risposta l-ġimgħa ddieħla dwar sistema ta' *photovoltaic* għal knisja parrokjali. Il-membri tal-Kunsill ma sabu l-ebda oġġezzjoni li l-Kappillan japplika f'isem il-Knisja Parrokkjali.

m. Is-Sindku spjega li l-garanzija tat-Tindif tal-Wied waslet biex tiskadi u ġejna mitlubin biex inġedduha. Huwa qal li fil-Budget tas-sena d-dieħla għandna naħsbu għal-fond biex jitwettaq dan ix-xogħol, dan anke għar-raġuni li ser jiskadi l-permess ta' ħames snin. Il-membri tal-Kunsill qablu.

4. **RAPPORT AMMINISTRATTIV**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-Rapport Amministrattiv lill-membri tal-Kunsill. Dan ġie approvat u ffirmat mis-Segretarju Eżekuttiv u mis-Sindku.

5. ***EXPRESSION OF INTEREST FOR THE SUPPLY, INSTALLATION, TESTING AND COMMISSIONING OF PHOTOVOLTAIC SYSTEM FOR RESIDENTS IN THE LOCALITY OF FONTANA***
Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li kif diskuss f'laqgħat preċedenti, il-Kunsill talab il-parir tal-Avukat Samuel Azzopardi ta' kif għandu jimxi l-Kunsill. Skond l-Avukat, l-*Expression of Interest* li ħareġ il-Kunsill għanda taqa. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-applikazzjonijiet tal-Gvern għal din l-iskema ser joħorġu fil-15 ta' Ġunju 2010. Il-Kunsillier Horace Micallef ġibed l-attenzjoni li meta jinħarġu offerti dawn għandhom ikunu ċari għax mhux kull familja għandha l-istess esigenzi. Saret diskussjoni bejn il-membri tal-Kunsill u ġie maqbul li għanda tintbagħat ittra lir-residenti li wrew interess sabiex ninfurmawhom li l-Kunsill kellu jwaqqaf l-proċess tiegħu u għaldaqstant min jixtieq japplika personalment għandu jikkuntatja lil *Malta Resources Authority*.

6. **ĦRUĠ TA' OFFERTA U *QUOTATION***
6.1 Is-Sindku qajjem il-punt li l-Kunsill dwar il-kuntratt tal-ġbir tal-iskart domestiku. Is-Sindku saqsa jekk il-Kunsill għandux joħroġ il-kuntratt waħdu jew inkella mall-Kunsilli Lokali ta' Kerċem, li kienu wrew interess li noħorġoh flimkien. Il-Kunsillier Lorry Apap qal li l-Kunsill kien diġa' qabel li dan għandna noħorġuh waħedna. Saret diskussjoni rigward il-vantaġġi u l-iżvantaġġi jekk il-Kunsill joħroġ l-offerta waħdu jew inkella ma xi Kunsill ieħor. Sar qbil li l-Kunsill għandu joħroġ l-offerta waħdu. Is-Sindku qal li nistgħu nagħamlu hu li naraw jekk humiex interessati li noħorġuhom fl-istess data iżda separatament. Il-Kunsill qabel.
6.2 Is-Sindku qal lill-Kunsill li ser jibqa xi fondi li l-Kunsill kien ingħata sabiex jagħmel ir-Restawr tal-Għajn ta' Bendu. Għaldaqstant, is-Sindku ppropona li jekk il-Kunsill ma jingħatax fondi speċjali, hu għandu jutilizza il-fondi li jibqa sabiex jibni Replika tal-Għajn tal-Loġoġ. Il-Kunsillier Lorry Apap qal li l-ewwel isir ir-Restawr tal-Għajn ta' Bendu mbagħad il-Kunsill jara jekk jibqax fondi biżżejjed biex isir il-bini tar-Replika tal-Għajn tal-Loġoġ. Il-membri tal-Kunsill qablu.

7. **APPROVAZZJONI TA' KONTIJIET**
Il-kontijiet mehmużin ma dawn il-Minuti ġew approvati mill-Kunsill.

8. **MATERJI OĦRA**
8.1 *Kiosks tal-Festa*: Il-membri tal-Kunsill qablu li l-permessi tal-post tal-*kiosks* għandhom jingħataw fl-istess post tas-sena l-oħra. Jekk ikun hemm xi talba minn xi kiosk ġdid, il-permess għandu jingħata fi spazzju li ma ntużax is-sena l-oħra.
8.2 Il-Kunsillier Lorry Apap issuġġerixxa li jekk ikun hemm qbil bejn il-Kunsillieri kollha l-laqgħat isiru qabel il-5.30pm. Il-Kunsillier Horace

Micallef saqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk il-laqgħat jistgħux isiru qabel il-5.30pm. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn jistgħu isiru qabel, pero' irid ikun hemm qbil unanimu tal-Kunsilliera. Is-Sindku kkonferma dan għax qal li kien hemm Kunsilli oħrajn li kienu jagħmlu l-laqgħat qabel, dejjem wara li kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera. Il-Kunsilliera unanimament qablu li l-laqgħa li jmiss issir fis-2.30pm

8.3 *Festa Tfal*: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kappillan kien talbu jekk il-Kunsill hux ser jagħti għajnuna bħal ma għamel fis-snin ta' qabel. Din ser tiġi organizzata nhar il-Ħadd 13 ta' Ġunju 2010 fil-5.30pm. Il-membri tal-Kunsill qablu li tkompli tingħata l-għajnuna tal-Kunsill.

8.4 Il-Kunsillier Horace Micallef qal li l-*mobile phone* tiegħu għamel il-ħsara u peress li dan hu propjeta' tal-Kunsill hu saqsa jekk il-Kunsill japprovax li dan jissewwa. Il-Kunsillier Victor Cefai qal li l-mobile tiegħu hu bil-ħsara wkoll u għandu bżonn jissewwa. Il-membri tal-Kunsill qablu li l-Kunsill iħallas l-ispejjeż biex dawn il-mobiles jissewwew.

8.5 Il-Kunsillier Victor Cefai qal li kien kellem lil Dr Saliba sabiex jagħtina t-tieni parti tal-artiklu li kien kiteb sabiex dan jiġi ppubblikat fil-fuljett li joħroġ il-Kunsill, "Tagħrif mill-Kunsill Tiegħek".

8.6 Il-Kunsillier Victor Cefai qal li nhar is-Sibt 29 ta' Mejju kien hemm *bin* fi Triq il-Kappillan Hili mimli bl-iskart. Hu qal li kien hemm kaxxa kbira fuqu u kien hemm xi skart taħtu wkoll. Il-Kunsillier Horace Micallef ikkonferma. Is-Sindku ppropona li nitolbu lis-Sur Mario Mallia sabiex jibgħatilna kopja ta' avviż li nkunu nistgħu nwaħħluh fejn il-*bins* ħalli n-nies ma jpoġġux kaxxi kbar fihom. Il-membri tal-Kunsill qablu.

8.7 Il-Kunsillier Victor Cefai ppropona li naħslu t-toroq tal-lokalita qabel il-festa. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-kunsillier Victor Cefai jkellem lil Viċi Sindku sabiex ikellem lil tal-Agrikoltura sabiex jipprovdu l-ilma u l-Kunsill jagħti l-ħaddiema. Il-membri tal-Kunsill qablu.

8.8 Il-Kunsillier Horace Micallef saqsa jekk il-ħaxix li hemm f'Wied Siekel jistax jinqata. Is-Sindku qal li dan ser jinqata aktar il-quddiem meta jinxef, peress li skond il-permess tal-MEPA dan irid jitħalla jikber f'dan l-inħawi.

8.9 Il-Kunsillier Horace Micallef saqsa ukoll jekk il-ħaxix li hemm fi Triq ta' Wara l-Idjar jistax jinqala'. Is-Sindku qal li ħa jieħu ħsieb jgħid lill-ħaddiema tal-Kunsill sabiex ineħħuh.

8.10 *Ġemellaġġ*: Il-Viċi Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li s-Sur Charlie Zammit, *Cultural Organiser* fil-Ministeru għal Għawdex, kien infurmah li s-Sindku ta' Zafferana Etnea kien interessat jagħmel ġemellaġġ mal-Kunsill tagħna. Is-Segretarju Ezekuttiv għandu jkellem lis-Sur Charlie Zammit. Is-Sindku qal li għadha ma ntabagħtetx l-email mis-Segretarju Eżekuttiv għax hu għadu qiegħed jistenna l-*email address* tal-Kunsill ta' Zafferana Etnea mingħand il-Viċi Sindku.

8.11 *Festival tan-Nar*: Il-Kunsillier Horace Micallef qal li t-tlett kmamar tan-Nar li ġew avviċinati sabiex jagħtuna *quotation* għall-Festival tan-Nar kienu: (i) Qalb ta' Ġesu (ii) Farrugia Brothers (iii) Santa Marija ta' Ħal Għaxaq.

Is-Sindku qal li fil-ġranet li ġejjin irid issir appuntament mas-Sur Charlie Zammit sabiex jkompli jiġi diskuss dan il-Festival. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li l-Familja Bezzina aċċettaw li jagħtuna l-libret tal-"Għanja tas-Sajjied" jew "Tat-Triq tal-Għajn matul iż-Żminijiet".

Il-Kunsillier Horace Micallef qal li rappreżentanti tal-Kali JKD Martial Arts Academy ser joffru exhibition ta' *martial arts*. Hu qal li dawn ma jridux ħlas, pero jixtiequ kieku l-Kunsill jqassim avviż fid-djar tal-Fontana. Tal-Kali JKD Martial Arts Academy ser jieħdu ħsieb li jipprintja l-avviżi u jgħaddihom lill-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill qablu.

Il-Kunsillier Horace Micallef qal li peress li ta' Bacchus Winery u Ta' Mena Restaurant ma rrispondewx għall-ittra li bgħatnilhom, il-Kunsill għandu jibgħat ittra lil Gaul Winery. Il-Kunsillier Victor Cefai ppropona li niktbu lis-Sur Jason Micallef ukoll. Is-Sindku qal li hemm ukoll is-Sinjura Laura Frendo, li hi mill-Fontana u wkoll għanda inbid. Is-Sindku qal li biex ma jkunx hemm inkwiet nikkuntatjaw lit-tlieta li huma u naraw x'joffru. Is-Sindku qal ukoll li nistgħu niktbu lil HSBC sabiex naraw jekk jagħtunix *sponsor*. Hu qal li diġa kellem lil manager, is-Sur Paul Curmi.

8.12 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li:

(a) Ir-Reserved Parking Bays fi Triq il-Kappillan Hili tas-Sinjura Maria Antonia Sultana u tas-Sinjura Marie Chantelle Bugeja kienu tneħħew.
(b) Biex jerġa jsir it-tqassim tal- ikla lill-anzjani li jgħixu waħedhom fl-okkażżjoni tal-festa tal-Qalb ta' Ġesu. Il-membri tal-Kunsill qablu.
(c) Il-Kunsill għandu bżonn jixtri xi Fire Extinguishers għall-Uffiċċju tal-Kunsill.
(d) Irid jinxtara sealer biex isir il-manutenzjoni tal-pavimentar ta' Trejqet Bieb il-Għajn
(e) Ir-*Railing* u l-grada taċ-Ċentru Ċiviku twaħħlu
(f) Reġgħu tqassmu boroz tal-*plastic totally degradable* lir-residenti tal-Fontana.
(g) Il-Kunsill irċieva l-flus mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali tal-ġbir tal-iskart separat li jsir kull nhar ta' Tlieta ta' bejn Marzu 2009 u Jannar 2010. Il-membri tal-Kunsill qablu li l-Kunsill għandu jħallas lill-kuntrattur li jieħu ħsieb dan ix-xogħol, is-Sur Savio Debrincat.
(h) Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv kien ġibidlu l-attenzjoni li l-Kunsill hu marbut li jżomm bilanċ pożittiv ta' mhux anqas minn għaxra fil-mija tal-allokazzjoni finanzjara. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jikteb ittra lill-Ministru responsabbli fejn jitolbu sabiex il-Kunsil ma jkunx marbut b'dan l-artiklu. Il-membri tal-Kunsill qablu.
(i) Jekk il-Kunsill jaqbel jigu organizzati żewġ ħarġiet: waħda fl-24 ta' Ġunju 2010 ġewwa Għawdex, u l-oħra fid-29 ta' Ġunju 2010 fl-okkażżjoni tal- Imnarja ġewwa Malta. Il-membri tal-Kunsill qablu.
(j) Jekk il-Kunsill jaqbel għandi tiġi organizzata ġita fi Sqallija. Il-membri tal-Kunsill qablu li din għanda ssir nhar it-8 ta' Lulju 2010. Is-Sindku

għandu jagħmel kuntatt mall-Virtu Ferries għall-prezzijiet u programm tat-*tour*.

(k) Mr. Shahpoor Andrzej Bazergan li joqgħod fi Triq tal-Għajn, ħawwel diversi siġar fi Triq Wied Siekel u il-quddiem, meta dawn jikbru, l-għeruq tagħhom jistgħu jikkaġunaw li l-pavimentar tal-ġebla tal-qawwi li għamel il-Kunsill jista jinqasam. Peress li jgħaddi ħafna ilma minn hemm, dan jista jinqala'. Barra minhekk is-Sindku qal li hi kundizzjoni tal-MEPA li jitħallew jikbru biss il-pjanti salvaġġi tal-post. Il-membri tal-Kunsill qablu li għandna niktbu ittra sabiex nitolbuh biex ineħħihom.

(l) Ir-residenti ta' parti minn Triq Għar Gerduf daħlu fir-Reġistru Elettorali tal-Fontana kif talab il-Kunsill.

(m) Id-Dipartiment tal-Artijiet bagħat *draft* tal-kuntratt sabiex issir id-devoluzzjoni ta' fond 191 fi Triq il-Għajn, Fontana għall-kummenti tal-Kunsill.

(n) Nsterqu tlett gradi tal-ilma fil-*playing field*, tkissru xi ittri tas-*sign* "Playing Field", u xi ħadd ddendel mas-siġra tal-ewrekarja u qaċċtulha diversi friegħi. Għaldaqstant hu ppropona li meta ninżlu fil-MultiPurpose Room ninstallaw żewġ CCTV cameras, waħda fil-*playing field*, u waħda quddiem il-*bring in sites*. Il-membri tal-Kunsill qablu.

(o) Kienu nxtraw tlett gradi li kienu nsterqu mill-*playing field*.

(p) Hemm bżonn issir inspezzjoni tal-*fire extinguisher* li hemm fis-Sala tal-Komunita' peress li wasal iż-żmien li jiġu spezzjonati.

(q) Il-ħaddiem taħt l-iskema tal-Komunita, is-Sur Aldo Grech spiċċa t-terminu li kellu ta' sitt xhur mall-Kunsill.

(r) Ġiet ukoll imwieġba l-*Management Letter* mis-Sindku.

(s) Inqala l-fanal ta b'erba' fi Pjazza l-Għejjun kif kien qabel il-Kunsill f'laqgħa preċedenti.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00pm. Laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2010 fis-2.30pm fl-Uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fontana.

| | |
|---|---|
| Karl Vella | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt